



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Rapport dwar il-kontijiet annwali tal- Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall- Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2019


flimkien mar-risposta tal-Aġenzija

Introduzzjoni

01 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", jew "l-Europol"), li tinsab f'The Hague, ġiet stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016¹ li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2009/371/ĠAI)². L-oġġettiv tal-Aġenzija hu li tappoġġa u ssaħħaħ l-azzjoni tal-awtoritajiet tal-pulizija u ta' servizzi oħra ta' infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja li tolqot żewġ Stati Membri jew aktar, it-terroriżmu u forum ta' kriminalità li jolqtu interess komuni kopert mill-politika tal-Unjoni.

02 Il-**Graff 1** tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-Aġenzija³.

Graff 1: Iċ-ċifri ewlenin għall-Aġenzija



* Iċ-ċifri tal-baġit huma bbażati fuq l-ammont totali tal-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli matul is-sena finanzjarja.

** "Il-persunal" jinkludi uffiċjali, aġenti temporanji u persunal kuntrattwali tal-UE, kif ukoll esperti nazzjonali sekondati, iżda jinkludi ħaddiema *interim* u konsulenti.

Sors: il-Kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, u l-Kontijiet annwali konsolidati proviżorji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019; iċ-ċifri tal-persunal ipprovduti mill-Aġenzija.

Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

03 L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta

¹ ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.

² ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

³ Aktar informazzjoni dwar il-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija hija disponibbli fuq is-sit web tagħha: www.europol.europa.eu.

mix-xogħol ta' awdituri oħrajn u analiżi tal-informazzjoni li l-maniġment tal-Aġenzija jkun ipprova.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pprovduta mill-Qorti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

04 Aħna awditajna:

- (a) il-kontijiet tal-Aġenzija li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁴ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁵ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet

kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

05 Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fil-31 ta' Diċembru 2019, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

⁴ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁵ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

06 Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

07 Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2019 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Bażi għal opinjonijiet

08 Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC, u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-INTOSAI. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont dawn l-standards jingħataw f'aktar dettall fit-taqsima "Responsabbiltajiet tal-awditur" fir-rapport tagħna. F'konformità mal-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professionali maħruġ mill-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti (il-Kodiċi tal-IESBA) u mar-rekwiżiti etiċi li huma rilevanti għall-awditu tagħna, aħna indipendenti u wettaqna r-responsabbiltajiet etiċi l-oħra tagħna skont dawn ir-rekwiżiti u l-Kodiċi tal-IESBA. Aħna nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksibna hija suffiċjenti u xierqa biex ttipprovdi bażi għall-opinjoni tagħna.

Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza

09 Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, il-maniġment huwa responsabbli mit-tnejn u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenzija abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati

internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontrolli interni rilevanti għat-tnejja u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment tal-Aġenzija huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti uffiċjali li jirregolaw dawk ir-rapporti. Il-maniġment tal-Aġenzija jerfa' r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Aġenzija.

10 Fit-tnejja tal-kontijiet, il-maniġment tal-Aġenzija huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-Aġenzija li tkompli bħala negozju avvjat. Huwa jrid jiddivulga, kif applikabbli, kull kwistjoni li tolqot l-istatus tal-Aġenzija bħala negozju avvjat, u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma jkunx biħsiebu jillikwida l-entità jew itemm l-operazzjonijiet, jew inkella ma jkollu l-ebda alternattiva realistika ħlief li jagħmel dan.

11 Dawk inkarigati mill-governanza huma responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-Aġenzija.

Ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

12 L-oġettivi tagħna huma li niksbru aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna, nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew lil awtoritajiet ta' kwittanza rispettivi oħra b'dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-Aġenzija u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li awditu dejjem se jaqbad dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-utenti jieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet.

13 Għad-dħul, aħna nivverifikaw is-sussidji li jiġu riċevuti mingħand il-Kummissjoni jew mingħand il-pajjiżi li jikkooperaw mal-Aġenzija u nivvalutaw il-proċeduri tal-Aġenzija għall-ġbir ta' tariffi u ta' introjtu ieħor, jekk ikun il-każ.

14 Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi) minbarra pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati meta r-riċevitur tal-fondi jipprova ġustifikazzjoni għall-użu xieraq tagħhom u l-Aġenzija taċċetta l-ġustifikazzjoni billi tapprova l-pagament bil-quddiem, sew jekk fl-istess sena u sew jekk aktar tard.

15 F'konformità mal-ISAs u l-ISSAIs, aħna neżerċitaw il-ġudizzju professjonali tagħna u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Barra minn hekk, aħna:

- Nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball, infasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji, u niksbru evidenza għall-awditjar li tkun suffiċjenti u adegwata biex tipprova bażi għall-opinjonijiet tagħna. Ir-riskju li ma jinqabdux jew dikjarazzjoni skorretta materjali jew inkella nuqqas ta' konformità b'riżultat ta' frodi huwa oġġettivament mir-riskju li dawn ma jinqabdux meta jkunu b'riżultat ta' żball, billi frodi tista' tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew każijiet fejn jinqabżu l-kontrolli interni.
- Niksbru fehim tal-kontrolli interni rilevanti għall-awditu sabiex infasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, iżda mhux bl-iskop li nagħtu opinjoni dwar l-effettività tal-kontrolli interni.
- Nevalwaw l-adekwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru mill-maniġment.
- Nilħqu konklużjoni dwar l-adekwatezza tal-użu mill-maniġment tal-baży kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbaży tal-evidenza għall-awditjar miksuba, jekk tkunx teżyisti inċertezza materjali relatata ma' avvenimenti jew kundizzjonijiet li jistgħu jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità tal-Aġenzija li tkompli bħala negozju avvjat. Jekk aħna nikkonkludu li tkun teżyisti inċertezza materjali, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tal-awditur tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet jew, jekk dawn id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar miksuba sad-data tar-rapport tal-awditur tagħna. Madankollu, avvenimenti jew kundizzjonijiet futuri jistgħu jwasslu biex entità ma tkompli bħala negozju avvjat.
- Nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet, inklużi d-divulgazzjonijiet, u jekk il-kontijiet jirrappreżentawx it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' baży b'mod li tinkiseb preżentazzjoni ġusta.

- Niksbu evidenza adegwata u suffiċjenti għall-awditjar dwar l-informazzjoni finanzjarja tal-Aġenzija biex nesprimu opinjoni dwar il-kontijiet u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aħna responsabbli mit-tmexxija, is-superviżjoni u l-prestazzjoni tal-awditu. Nibqgħu unikament responsabbli għall-opinjoni tal-awditjar li nagħtu.
- Qisna x-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Aġenzija kif stipulat fl-Artikolu 70(6) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE, fejn dan kien applikabbli.

Aħna nikkomunikaw mal-maniġment rigward, fost oħrajn, l-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u dwar sejbiet sinifikanti tal-awditjar, inklużi defiċjenzi sinifikanti fil-kontrolli interni li aħna nidentifikaw matul l-awditu tagħna. Mill-kwistjonijiet li dwarhom inkunu kkomunikajna mal-Aġenzija, aħna niddeterminaw dawk li kienu tal-akbar sinifikat fl-awditjar tal-kontijiet tal-perjodu attwali, u li għalhekk huma l-kwistjonijiet ewlenin tal-awditjar. Aħna niddeskrivu dawn il-kwistjonijiet fir-rapport tal-awditur tagħna, dment li l-liġi jew ir-regolament ma jkunux jipprekludu d-divulgazzjoni pubblika dwar il-kwistjoni jew meta, f'ċirkustanzi rari ħafna, aħna niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi jekk dan isir ikunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji ta' din il-komunikazzjoni għall-interess pubbliku.

16 L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

17 Kif irrappurtat fir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2018 (ara t-tabella ta' segwitu), l-Aġenzija tawlet id-durata ta' kuntratt qafas, għall-forniment ta' servizzi tal-ivvjaġġar fuq xogħol, billi ffirmat emenda għall-kuntratt wara li dan kien skada fl-2018. Dan kien irregolari. L-Aġenzija ffirmat ukoll emenda oħra għal dan l-istess kuntratt fid-29 ta' Marzu 2019 b'effett mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2020. Għalhekk, il-pagamenti għall-2019 assoċjati ma' dawn l-emendi, li jammontaw għal EUR 32 531,50, huma irregolari. Dan juri dgħufijiet fil-ġestjoni tal-kuntratti u fil-kontrolli *ex ante*, li jenħtieġ li jittejbu kif meħtieġ.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

18 Ir-Regolament Finanzjarju jiddikjara li l-korpi tal-UE jridu jagħmlu pagamenti fi ħdan it-termini mogħtija. Fl-2019, l-Aġenzija naqset ħafna drabi milli tagħmel dan.

Aħna sibna li hija kienet għamlet pagamenti tardivi f'20 % tal-każijiet. Osservajna livelli simili jew saħansitra ogħla ta' dewmien fl-2017 u fl-2018. Din id-dgħufija rikorrenti tesponi lill-Aġenzija għal riskju reputazzjonali.

Osservazzjonijiet dwar ġestjoni finanzjarja tajba

19 Għall-akkwist ta' għamara, aċċessorji u servizzi relatati b'valur massimu ta' EUR 2,04 miljun, l-Aġenzija kienet ikkonkludiet kuntratt qafas ma' operatur uniku li ntgħażel abbażi ta' proċedura miftuħa ta' sejħa għal offerti. L-Aġenzija rċeviet biss offerta waħda. Madankollu, it-termini użati fid-dokumenti tas-sejħa għall-offerti ma kinux speċifiċi biżżejjed; dan dgħajjed in-natura kompetittiva tal-proċedura ta' sejħa għal offerti. Barra minn hekk, ma ġie stabbilit l-ebda soll minimu għall-kriterju tal-għoti tekniku li kien l-aktar rilevanti għall-kwalità (eż: il-kwalità tal-għamara ġdida standard proposta). Jenħtieġ li l-Aġenzija tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta jkunu maħsuba b'mod li jkun tajjeb biżżejjed biex jippermetti li jkun hemm kompetizzjoni ġusta u effettiva.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ma vverifikatx b'mod suffiċjenti l-preċiżjoni tal-prezzijiet sottostanti u l-kalkolu tal-iskontijiet applikati għal oġġetti mhux standard qabel ma ssottomettiet il-formola tal-ordnijiet lill-kuntrattur. Jenħtieġ li l-Aġenzija tintegra dawn il-verifikazzjonijiet fil-kontrolli *ex ante* tagħha, qabel ma tiffirma l-formoli tal-ordnijiet.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

20 Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-**Anness**.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Alex Brenninkmeijer, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fit-22 ta' Settembru 2020.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Klaus-Heiner Lehne
Il-President

Anness - Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Sena	Osservazzjonijiet tal-Qorti	Azzjoni li ttieħdet b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti (Ikkompletata / Għadha għaddejja / Pendenti / M/A)
2017	L-Aġenzija tippubblika avviżi ta' postijiet vakanti fuq is-sit web proprju tagħha u fuq il-midja soċjali, iżda mhux fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO).	Ikkompletata
2018	L-Aġenzija tawlet b'mod irregolari d-durata ta' kuntratt qafas għall-forniment ta' servizzi tal-ivvjaġġar fuq xogħol wara li l-kuntratt kien skada u introduċiet aspetti ġodda tal-prezzijiet. Jenġtiegħ li l-ġesjoni tal-kuntratt u l-kontrolli <i>ex ante</i> jissaħħu.	Pendenti

It-tweġiba tal-Aġenzija

17. L-Europol tirrikonoxxi l-kumment tal-QEA dwar l-ammont tal-pagament immaterjali ta' EUR 32 531,51 fl-2019 għall-kuntratt tas-servizz tal-ivvjaġġar awditjat. Kif diġà ġie spjegat fit-tweġiba tal-Europol għar-rapport annwali tal-QEA tal-2018, l-estensjoni tal-kuntratt qafas tnediet sew qabel l-iskadenza inizjali tagħha fl-aħħar ta' Marzu 2018. L-Europol hija tal-fehma li hi eżerċitat diliġenza dovuta u li d-dewmien għall-estensjoni tal-kuntratt kien ikkawżat mill-fatt li l-Europol applikat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Għalkemm, kuntratt qafas ġdid għas-servizzi tal-ivvjaġġar tan-negozju daħal fis-seħħ f'April 2019, l-Europol iddeċidiet li testendi l-kuntratt antik għal raġunijiet tal-kontinwità tan-negozju. L-Europol tikkonferma li l-estensjoni fl-2019 kienet ir-riżultat ta' deċiżjoni tan-negozju li ttieħdet b'mod konxju u ma tikkostitwixxix dgħufija fil-kontroll ex ante. Awditu intern se jibda fl-Europol fir-raba' trimestru (Q4), bil-għan li tinkiseb assigurazzjoni addizzjoni dwar l-approċċ ta' ġestjoni tal-kuntratt tal-Europol.

18. Fl-2019, l-Europol iffaċċjat sitwazzjoni ta' nuqqas ta' persunal, li affettwat l-hekk imsejħa oqsma ta' infrastruttura, b'mod partikolari l-amministrazzjoni finanzjarja. L-Europol hija konxja tal-profil ta' riskju fir-rigward tad-dewmien fil-pagamenti u tissorvelja bir-reqqa l-ammonti ta' pagament fuq bażi ta' kull xahar, filwaqt li tiegħu azzjonijiet ta' mitigazzjoni biex taderixxi mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari billi tagħti prijorità lill-pagamenti ta' valur għoli u tisfrutta t-titjib fil-proċess. Fl-isfond ta' din id-diliġenza dovuta li saret mill-Europol, fl-2019 tħallas l-ammont globali ta' interessi immaterjali ta' EUR 1 624,53. Il-valur globali tal-fatturi mħallsa tard ammontaw għal EUR 6,6 miljun (arrotondat), li jirrappreżenta 4,6 % tal-pagamenti li saru mis-sorsi tal-fondi.

19. L-Europol hi tal-fehma li l-offerta kienet konformi mar-rekwiżiti applikabbli stipulati fl-Anness I tar-Regolament Finanzjarju. Id-dokumentazzjoni tal-offerta inkludiet il-kwistjoni tal-akkwist u l-esklużjoni, l-għażla u l-kriterji tal-għoti applikabbli, u b'hekk tat lok għall-kompetittività. Il-formola magħżula għall-kalkolu tal-punteġġ finali rriflettiet l-aħjar kunċett tal-proporzjoni bejn il-prezz u l-kwalità. Dwar it-triq 'il quddiem, fl-interess tal-kompetittività, l-Aġenzija se tirfina l-punti limiti minimi għall-kriterji l-aktar rilevanti fejn meħtieġa. Fir-rigward tal-iskont mogħti mill-kuntrattur fil-formola tal-ordni speċifika awditjata, il-kuntrattur finalment offra skont oġġla mir-rata standard inkluża fil-kuntratt. Għaldaqstant, l-Europol applikat ġestjoni finanzjarja tajba f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt, u minkejja dan se tirrieżamina l-verifiki ex-ante tagħha, bħala parti mill-isforzi regolari ta' titjib kontinwu.

DRITTJIET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2020.

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali ċari jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, pereżempju f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess għandu jikkancelła l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' Siti Web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li dawn ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-QEA, inti mħeġġeġ biex teżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.